

Brussell, 24 ta' Awwissu 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0309(NLE)

11693/18
ADD 1

UD 185
CID 3
TRANS 347
PREP-BXT 16

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Awwissu 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 601 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS għall-proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt UE-CTC imwaqqaf permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-proposti għal emendi għal dik il-Konvenzjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 601 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2018) 601 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.8.2018
COM(2018) 601 final

ANNEX

ANNESS

għall-proposta

ta' Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat
Konġunt UE-CTC imwaqqaf permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar
proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-proposti għal emendi għal dik il-
Konvenzjoni**

Proposta għal Deċiżjoni Nru.../2018 tal-Kumitat Konġunt EU-CTC stabbilita permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu ta'..... 2018

li temenda dik il-Konvenzjoni

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-CTC

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3)(a) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 15(3)(a) tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu¹ ("il-Konvenzjoni") jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt imwaqqaf minn dik il-Konvenzjoni ("il-Kumitat Konġunt") li jadotta emendi għall-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni, permezz ta' deċiżjoni.
- (2) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") esprima x-xewqa tiegħu li jaċċedi mal-Konvenzjoni bħala Parti Kontraenti separata u ġie mistieden jagħmel dan permezz tad-Deċiżjoni Nru.... /2018 ta'..... 2018.
- (3) Skont kif meħtieġ, il-formoli ta' garanzija jenħtieġ li jiġu modifikati biex jitħassar ir-Renju Unit bħala Stat Membru tal-Unjoni u biex jiddaħħal ir-Renju Unit bħala pajjiż komuni ta' tranżitu.
- (4) Sabiex jiġi permess l-użu ta' formoli ta' garanzija stampati skont il-kriterji fis-seħħ qabel id-data tal-adeżjoni tar-Renju Unit għall-Konvenzjoni bħala parti kontraenti separata ssir effettiva, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu tranżitorju li matulu formoli stampati, b'xi adattamenti, jistgħu jkomplu jintużaw.
- (5) Id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jkun marbut mad-data meta l-adeżjoni tar-Renju Unit għall-Konvenzjoni bħala parti kontraenti separata ssir effettiva u soġġetta għaliha.
- (6) Għaldaqstant il-Konvenzjoni jenħtieġ li tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Appendiċi III tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu ("il-Konvenzjoni") huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-formoli ta' garanzija fl-Annessi C1 sa C6 tal-Appendiċi III tal-Konvenzjoni, fil-verżjoni applikabbli fil-jum qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni, jistgħu jkomplu jintużaw soġġetti għall-adattamenti ġeografiċi meħtieġa, għal sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni.

¹ ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ skont u dak inhar li d-data tal-adeżjoni tar-Renju Unit għall-Konvenzjoni bħala parti kontraenti separata ssir effettiva.

Magħmul fi Brussell, ... 2018

Il-Kumitat Konġunt
Il-President

Philip Kermode

L-Appendiċi III tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu huwa emendat kif ġej:

1) L-Anness C1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS C1

L-IMPENN MILL-GARANTI — IL-GARANZIJA INDIVIDWALI

I. Impenn mill-garanti

1. Is-sottoskritt¹

.....
.....
residenti²

.....
.....
b'dan *in solidum* jiggarantixxi, fl-uffiċċju ta' garanzija ta'

.....
sa ammont massimu ta' ...

.....
favur l-Unjoni Ewropea li tinkludi r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Iżvezja, u r-Repubblika tal-Iżlanda, l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Repubblika tat-Turkija, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq³, il-Prinċipat ta' Andorra u r-Repubblika ta' San Marino⁴, kwalunkwe ammont li għalih il-persuna li qiegħda tipprovdi din il-garanzija⁵:
.....

¹ Il-kunjom u l-isem jew l-isem tal-impriża.

² L-indirizz sħiħ.

³ Ħassar l-isem/l-ismijiet tal-Istat(i) li fuq it-territorju tiegħu/tagħhom ma tistax tintuża l-garanzija.

⁴ Ir-referenzi għall-Prinċipat ta' Andorra u għar-Repubblika ta' San Marino għandhom japplikaw biss għall-operat tat-tranżitu tal-Unjoni.

⁵ Il-kunjom u l-isem, jew l-isem tal-impriża u l-indirizz sħiħ tal-persuna li qiegħda tipprovdi l-garanzija.

tista' tkun jew tista' ssir responsabbli quddiem il-pajjiżi msemija hawn fuq, għad-dejn fl-għamla ta' dazju u imposti oħra⁶ fir-rigwardtal-merkanzija deskritta hawn isfel u li hija koperta mill-operat doganali li ġej⁷:

.....
.....
Deskrizzjoni

.....
.....
tal-merkanzija:
.....
.....
.....

2. Is-sottoskritt jimpenja ruħu li jħallas mal-ewwel applikazzjoni bil-miktub mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi msemija fil-punt 1 u mingħajr ma jkun jista' jagħmel differiment tas-somom mitluba lil hinn minn 30 jum mid-data tal-applikazzjoni, sakemm huwa, hija jew kwalunkwe persuna oħra kkonċernata ma tistabilixx qabel ma jiskadi dak il-perjodu, u bis-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, li l-proċedura speċjali għajr il-proċedura tal-użu aħħari tkun twettqet, is-superviżjoni doganali tal-merkanzija tal-użu aħħari jew tal-ħażna temporanja tkun ġiet rilaxxata b'mod korrett jew, fil-każ tal-operat għajr il-proċeduri speċjali u l-ħżin temporanju, li s-sitwazzjoni tal-merkanzija tkun ġiet regolarizzata.

Fuq talba tas-sottoskritt u għal kwalunkwe raġuni li tkun rikonoxxuta bħala valida, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu differiment tal-perjodu li fih min iffirma jkun obligat li jħallas is-somom mitluba lil hinn minn perjodu ta' 30 jum mid-data tal-applikazzjoni. L-ispejjeż imġarrba minħabba l-għoti ta' dan il-perjodu addizzjonali, b'mod partikolari kwalunkwe mgħax, iridu jiġu kkalkolati b'tali mod li l-ammont ikun ekwivalenti għal dak li jiġi impost f'kundizzjonijiet simili fis-suq monetarju jew fis-suq finanzjarju tal-pajjiż ikkonċernat.

3. Dan l-impenn għandu jkun validu mill-jum tal-approvazzjoni tiegħu mill-uffiċċju tal-garanzija. Is-sottoskritt għandu jibqa' responsabbli għall-pagament ta' kwalunkwe dejn li jiġġarrab matul l-operat tat-tranżitu tal-Unjoni jew komuni kopert minn dan l-impenn u li

⁶ Applikabbli fir-rigward tal-imposti l-oħrajn dovuti b'rabta mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni tal-merkanzija fejn il-garanzija tintuża għat-tqegħid tal-merkanzija skont il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni/komuni jew tista' tintuża f'iktar minn Stat Membru wiehied.

⁷ Daħħal wiehied minn dawn l-operati doganali:

- (a) ħażna temporanja,
- (b) proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni/il-proċedura komuni ta' tranżitu,
- (c) proċedura ta' ħażna doganali,
- (d) proċedura ta' aċċettazzjoni temporanja b'eżenzjoni totali mid-dazju tal-importazzjoni,
- (e) proċedura ta' pproċessar attiv,
- (f) proċedura ta' użu aħħari,
- (g) rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont dikjarazzjoni doganali normali mingħajr ħlas differit,
- (h) rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont dikjarazzjoni doganali normali bi ħlas differit,
- (i) rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont dikjarazzjoni doganali ppreżentata b'konformità mal-Artikolu 166 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1),
- (j) rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont dikjarazzjoni doganali ppreżentata b'konformità mal-Artikolu 182 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013,
- (k) proċedura ta' aċċettazzjoni temporanja b'eżenzjoni parzjali mid-dazju tal-importazzjoni,
- (l) f'każ ta' operazzjoni oħra – indika t-tip ta' operazzjoni.

beda qabel ma tkun seħħet kwalunkwe revoka jew kanċellazzjoni tal-garanzija, anke jekk it-talba għall-pagament issir wara dik id-data.

4. Għall-fini ta' dan l-impenn, is-sottoskritt jagħti l-indirizz tiegħu tas-servizz f'kull wieħed mill-pajjiżi l-oħrajn imsemmija fil-punt 1 bħala ⁸ :

Il-pajjiż	Il-kunjom u l-ismijiet, jew l-isem tal-impriża, u l-indirizz sħiħ

Is-sottoskritt jirrikonoxxi li kull korrispondenza u avviż u kull formalità jew proċedura marbuta ma' dan l-impenn indirizzat lil wieħed mill-indirizzi għal servizz tiegħu jew magħmul bil-miktub f'wieħed minnhom, għandhom jiġu aċċettati li twasslulu kif xieraq.

Is-sottoskritt jirrikonoxxi l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-postijiet fejn għandu indirizz tas-servizz.

Is-sottoskritt jimpenja ruħu li ma jibdilx l-indirizz tiegħu tas-servizz jew, jekk ikollu jibdel indirizz wieħed jew iktar minn dawk l-indirizzi, li jinforma l-uffiċċju tal-garanzija bil-quddiem.

Magħmul..... fil-.....

.....

(Firma)⁹

II. L-approvazzjoni mill-uffiċċju tal-garanzija

L-uffiċċju tal-garanzija.....

.....

.....

L-impenn mill-garanti approvat nhar ...sabiex ikopri l-operat doganali mwettaq skont id-dikjarazzjoni doganali/id-dikjarazzjoni tal-ħażna temporanja

Nru..... ta'

..... 10

⁸ Jekk, fil-liġi tal-pajjiż, ma hemm l-ebda dispożizzjoni għal indirizz tas-servizz, il-garanti għandu jaħtar, f'dan il-pajjiż, aġent li jkun awtorizzat jirċievi kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lilu, u r-rikonoxximent fit-tieni subparagrafu kif ukoll l-impenn fir-raba' subparagrafu tal-punt 4 jridu jsiru b'tali mod li jikkorrispondu. Il-qrati tal-pajjiż tal-indirizzi tas-servizz tal-garanti jew tal-aġenti tiegħu għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni f'każijiet ta' tilwim li jikkonċernaw din il-garanzija.

⁹ Qabel ma jiffirma l-firmatarju tad-dokument irid iniżżel dan li ġej bil-miktub: "Il-garanzija għall-ammont ta'..." (l-ammont jinkiteb bil-kliem).

(Timbru u Firma)

¹⁰ Għandha timtela mill-uffiċċju fejn tqiegħdet il-merkanzija skont il-proċedura jew fejn il-merkanzija kienet f'ħażna temporanja.

2) L-Anness C2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS C2

L-IMPENN MILL-GARANTI - IL-GARANZIJA INDIVIDWALI FIL-FORMA TA' KUPUNI

I. Impenn mill-garanti

1. Is-sottoskritt¹

.....
.....
residenti²

.....
.....
b'dan *in solidum* jiggarantixxi, fl-uffiċċju ta' garanzija ta'

.....
favur l-Unjoni Ewropea li tinkludi r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Iżvezja u r-Repubblika tal-Iżlanda, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tas-Serbja, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Repubblika tat-Turkija, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, il-Prinċipat ta' Andorra u r-Repubblika ta' San Marino³, kwalunkwe ammont tad-detentur tal-proċedura li għalih id-detentur tal-proċedura jista' jkun jew jista' jsir responsabbli quddiem il-pajjiżi msemmin hawn fuq, għad-dejn fl-għamla ta' dazju u imposti oħrajn li jkunu dovuti b'rabta mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni tal-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura tat-tranżitu tal-Unjoni jew il-proċedura komuni tat-tranżitu, li fir-rigward tagħhom is-sottoskritt jieħ u impenn li joħroġ kupuni ta' garanzija individwali sa massimu ta' EUR 10 000 għal kull kupun.

2. Is-sottoskritt jimpenja ruħu li jħallas mal-ewwel applikazzjoni bil-miktub mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi msemmin fil-punt 1 u mingħajr ma jkun jista' jagħmel differiment tas-somom mitluba lil hinn minn 30 jum mid-data tal-applikazzjoni, sa EUR 10 000 għal kull kupun ta' garanzija individwali, sakemm huwa, hija jew kwalunkwe persuna oħra kkonċernata ma jstabilixxux li, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, u bis-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti, il-proċedura ġiet rilaxxata.

Fuq talba tas-sottoskritt u għal kwalunkwe raġuni li tkun rikonoxxuta bħala valida, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu differiment tal-perjodu li fih min iffirma jkun obligat iħallas is-somom mitluba lil hinn minn perjodu ta' 30 jum mid-data tal-applikazzjoni. L-

¹ Il-kunjom u l-isem jew l-isem tal-impriża.

² L-indirizz sħiħ.

³ Ir-referenzi għall-Prinċipat ta' Andorra u għar-Repubblika ta' San Marino għandhom japplikaw biss għall-operat tat-tranżitu tal-Unjoni.

ispejjeż imġarrba minħabba l-għoti ta' dan il-perjodu addizzjonali, b'mod partikolari kwalunkwe mġax, iridu jiġu kkalkolati b'tali mod li l-ammont ikun ekwivalenti għal dak li jiġi impost f'kundizzjonijiet simili fis-suq monetarju jew fis-suq finanzjarju tal-pajjiż ikkonċernat.

3. Dan l-impenn għandu jkun validu mill-jum tal-approvazzjoni tiegħu mill-uffiċċju tal-garanzija. Is-sottoskritt għandu jibqa' responsabbli għall-pagament ta' kwalunkwe dejn li jiġġarrab matul l-operat tat-tranżitu tal-Unjoni jew komuni kopert minn dan l-impenn u li beda qabel ma tkun seħħet kwalunkwe revoka jew kanċellazzjoni tal-garanzija, anke jekk it-talba għall-pagament issir wara dik id-data.

4. Għall-fini ta' dan l-impenn, is-sottoskritt jagħti l-indirizz tiegħu tas-servizz f'kull wieħed mill-pajjiżi l-oħrajn imsemmija fil-punt 1 bhala⁴

Il-pajjiż	Il-kunjom u l-ismijiet, jew l-isem tal-impriża, u l-indirizz sħiħ

Is-sottoskritt jirrikonoxxi li kull korrispondenza u avviż u kull formalità jew proċedura marbuta ma' dan l-impenn indirizzat lil wieħed mill-indirizzi għal servizz tiegħu jew magħmul bil-miktub f'wieħed minnhom, għandhom jiġu aċċettati li twasslulu kif xieraq.

Is-sottoskritt jirrikonoxxi l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-postijiet fejn għandu indirizz tas-servizz.

Is-sottoskritt jimpenja ruħu li ma jibdilx l-indirizz tiegħu tas-servizz jew, jekk ikollu jibdel indirizz wieħed jew iktar minn dawk l-indirizzi, li jinforma l-uffiċċju tal-garanzija bil-quddiem.

Magħmul

fi

.....

(Firma)⁵

II. L-approvazzjoni mill-uffiċċju tal-garanzija

⁴ Jekk, fil-liġi tal-pajjiż, ma hemm l-ebda dispożizzjoni għal indirizz tas-servizz, il-garanti għandu jaħtar, f'dan il-pajjiż, aġent li jkun awtorizzat jirċievi kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lilu, u r-rikonoxximent fit-tieni subparagrafu kif ukoll l-impenn fir-raba' subparagrafu tal-punt 4 jridu jsiru b'tali mod li jikkorrispondu. Il-qrati tal-pajjiż tal-indirizzi tas-servizz tal-garanti jew tal-aġenti tiegħu għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni f'każijiet ta' tilwim li jikkonċernaw din il-garanzija.

⁵ Qabel jiffirma, il-firmatarju jrid iniżżel bil-miktub dan li ġej: "Validu bħala kupun ta' garanzija".

L-uffiċċju tal-garanzija

.....

.....

L-impenn mill-garanti approvat nhar

.....

(Timbru u Firma)

3) L-Anness C4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS C4

L-IMPENN MILL-GARANTI - IL-GARANZIJA KOMPRESIVA

I. L-Impenn mill-garanti

1. Is-sottoskritt¹

.....
.....
residenti²
.....
.....

b'dan *in solidum* jiggarrantixxi, fl-uffiċċju ta' garanzija ta'
.....

sa ammont massimu ta'

favur l-Unjoni Ewropea li tinkludi r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Iżvezja, u r-Repubblika tal-Iżlanda, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tas-Serbja, il-Konfederazzjoni Żvizzeri, ir-Repubblika tat-Turkija, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq³, il-Prinċipat ta' Andorra u r-Repubblika ta' San Marino⁴,

kwalunkwe ammont li għalih il-persuna li qiegħda tipprovdi din il-garanzija⁵..... tista' tkun jew tista' ssir responsabbli lejn il-pajjiżi msemmija hawn fuq, għad-dejn fl-għamla ta' dazju u imposti oħra⁶ li jista' jkun jew seta' kien imġarrab fir-rigward tal-merkanzija koperta mill-operat doganali indikat fil-punt 1a u/jew fil-punt 1b.

L-ammont massimu tal-garanzija jikkonsisti f'ammont ta':

¹ Il-kunjom u l-isem jew l-isem tal-impriża.

² L-indirizz sħiħ.

³ Ħassar l-isem/l-ismijiet tal-pajjiż(i) li fit-territorju tiegħu/tagħhom ma tistax tintuża l-garanzija.

⁴ Ir-referenzi għall-Prinċipat ta' Andorra u għar-Repubblika ta' San Marino għandhom japplikaw biss għall-operat tat-tranżitu tal-Unjoni.

⁵ Il-kunjom u l-isem, jew l-isem tal-impriża, u l-indirizz sħiħ tal-persuna li qiegħda tipprovdi l-garanzija.

⁶ Applikabbli fir-rigward tal-imposti l-oħrajn dovuti b'rabta mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni tal-merkanzija fejn il-garanzija tintuża għat-tqegħid tal-merkanzija skont il-proċedura komuni ta' tranżitu/ il-proċedura tal-Unjoni ta' tranżitu jew tista' tintuża f'fiktur minn Stat Membru wieħed jew f'fiktur minn Parti Kontraenti waħda.

-
- (a) li jkun 100/50/30 %⁷ tal-parti tal-ammont ta' referenza li tikkorrispondi għal ammont ta' djun doganali u imposti oħrajn li jistgħu jiġġarrbu, li jkun ekwivalenti għas-somma tal-ammonti msemija fil-punt 1a,

kif ukoll

-
- (b) li jkun 100/30 %⁷ tal-parti tal-ammont ta' referenza li tikkorrispondi għal ammont ta' djun doganali u imposti oħrajn li jiġġarrbu, li jkun ekwivalenti għas-somma tal-ammonti msemija fil-punt 1b,

1a. L-ammonti li jiffurmaw il-parti tal-ammont ta' referenza li tikkorrispondi għal ammont ta' djun doganali u, fejn japplikaw, imposti oħrajn li jistgħu jiġġarrbu huma dawn li ġejjin għal kull għan imsemmi hawn isfel⁸:

- (a) il-ħażna temporanja —,
- (b) il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni/il-proċedura komuni ta' tranżitu -,
- (c) il-proċedura tal-ħażna doganali -,
- (d) il-proċedura tal-ammissjoni temporanja b'eżenzjoni totali mid-dazju tal-importazzjoni -,
- (e) il-proċedura tal-ipproċessar attiv —,
- (f) il-proċedura tal-użu aħħari - ...
- (g) jekk oħrajn — indika t-tip l-ieħor ta' operat —

1b. L-ammonti li jiffurmaw il-parti tal-ammont ta' referenza li tikkorrispondi għal ammont ta' djun doganali u, fejn japplikaw, imposti oħrajn li jiġġarrbu huma dawn li ġejjin għal kull għan imsemmi hawn isfel⁸

- (a) ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont id-dikjarazzjoni doganali normali mingħajr ħlas differit -,
- (b) ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont id-dikjarazzjoni doganali normali bi ħlas differit -,

⁷ Ħassar dak li ma japplikax.

⁸ Il-proċeduri għajr it-tranżitu komuni japplikaw biss fl-Unjoni.

- (c) ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont dikjarazzjoni doganali ppreżentata b'konformità mal-Artikolu 166 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni - ...,
- (d) ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont dikjarazzjoni doganali ppreżentata b'konformità mal-Artikolu 182 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni - ...,
- (e) il-proċedura ta' aċċettazzjoni temporanja b'eżenzjoni parzjali mid-dazju tal-importazzjoni - ...,
- (f) il-proċedura tal-użu aħħari - ...⁹,
- (g) jekk oħrajn — indika t-tip l-ieħor ta' operat —

2. Is-sottoskritt, jimpenja ruħu li jħallas mal-ewwel applikazzjoni bil-miktub mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi msemmija fil-punt 1 u mingħajr ma jkun jista' jagħmel differiment tas-somom mitluba lil hinn minn 30 jum mid-data tal-applikazzjoni, sakemm huwa, hija jew kwalunkwe persuna oħra kkonċernata ma tistabbilixxix qabel ma jiskadi dak il-perjodu, u bis-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, li l-proċedura speċjali, għajr il-proċedura tal-użu aħħari tkun ġiet rilaxxata, is-superviżjoni doganali tal-merkanzija tal-użu aħħari jew tal-ħażna temporanja tkun intemmet b'mod korrett jew, fil-każ tal-operat għajr il-proċeduri speċjali, li s-sitwazzjoni tal-merkanzija tkun ġiet regolarizzata.

Fuq talba tas-sottoskritt u għal kwalunkwe raġuni li tkun rikonoxxuta bħala valida, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu differiment tal-perjodu li fih min iffirma jkun obligat iħallas is-somom mitluba lil hinn minn perjodu ta' 30 jum mid-data tal-applikazzjoni. L-ispejjeż imġarrba minħabba l-għoti ta' dan il-perjodu addizzjonali, b'mod partikolari kwalunkwe mgħax, iridu jiġu kkalkolati b'tali mod li l-ammont ikun ekwivalenti għal dak li jiġi impost taħt kundizzjonijiet simili fis-suq monetarju jew fis-suq finanzjarju tal-pajjiż ikkonċernat.

Dan l-ammont ma jistax jitnaqqas bi kwalunkwe somma li diġà tkun tħallset skont it-termini ta' dan l-impenn, sakemm min iffirma hawn taħt ma jintalabx iħallas għal dejn imġarrab matul operat doganali li beda qabel ma waslet id-domanda preċedenti għal ħlas jew waqt it-30 jum ta' wara.

3. Dan l-impenn għandu jkun validu mill-jum tal-approvazzjoni tiegħu mill-uffiċċju tal-garanzija. Is-sottoskritt għandu jibqa' responsabbli għall-pagament ta' kwalunkwe dejn li jiġġarrab matul l-operat tat-tranżitu tal-Unjoni jew komuni kopert minn dan l-impenn u li beda qabel ma tkun seħħet kwalunkwe revoka jew kanċellazzjoni tal-garanzija, anke jekk it-talba għall-pagament issir wara dik id-data.

4. Għall-fini ta' dan l-impenn, is-sottoskritt jagħti l-indirizz tiegħu tas-servizz¹⁰ f'kull wiehied mill-pajjiżi l-oħrajn imsemmija fil-punt 1 bħala:

⁹. Għal ammonti ddikjarati f' dikjarazzjoni doganali għall-proċedura tal-użu aħħari.

¹⁰ Jekk, fil-liġi tal-pajjiż, ma hemm l-ebda dispożizzjoni għal indirizz tas-servizz, il-garanti għandu jaħtar, f'dan il-pajjiż, aġent li jkun awtorizzat jirċievi kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lilu, u r-rikonoxximent fit-tieni subparagrafu kif ukoll l-impenn fir-raba' subparagrafu tal-punt 4 jridu jsiru b'tali mod li jikkorrispondu. Il-qراطي tal-pajjiż tal-indirizzi tas-servizz tal-garanti jew tal-aġenti tiegħu għandu jkollhom il-ġuriżdizzjoni f'każijiet ta' tilwim li jikkonċernaw din il-garanzija.

Il-pajjiż	Il-kunjom u l-ismijiet, jew l-isem tal-impriża, u l-indirizz sħiħ

Is-sottoskritt jirrikonoxxi li kull korrispondenza u avviż u kull formalità jew proċedura marbuta ma' dan l-impenn indirizzat lil wieħed mill-indirizzi għal servizz tiegħu jew magħmul bil-miktub f'wieħed minnhom, għandhom jiġu aċċettati li twasslulu kif xieraq.

Is-sottoskritt jirrikonoxxi l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-postijiet fejn għandu indirizz tas-servizz.

Is-sottoskritt jimpenja ruħu li ma jibdix l-indirizz tiegħu tas-servizz jew, jekk ikollu jibdel indirizz wieħed jew iktar minn dawk l-indirizzi, li jinforma l-uffiċċju tal-garanzija bil-quddiem.

Magħmul

fil-

.....

.....

.....

(Firma)¹¹

¹¹ Qabel ma jiffirma l-firmatarju tad-dokument irid iniżżel dan li ġej bil-miktub: "Il-garanzija għall-ammont ta'..." (l-ammont jinkiteb bil-kliem).

II. L-approvazzjoni mill-uffiċċju tal-garanzija

L-uffiċċju tal-garanzija

.....

L-impenn tal-garanti aċċettat nhar

.....

.....

(Timbru u Firma)

4) Fl-Anness C5, ir-ringiela 7, il-kliem “ir-Renju Unit” jiddaħħal bejn il-kliem “it-Turkija” u “l-Andorra (*)”.

5) Fl-Anness C6, ir-ringiela 6, il-kliem “ir-Renju Unit” jiddaħħal bejn il-kliem “it-Turkija” u “l-Andorra (*)”.